



12.3.2014

cor01

## **CORRIGENDUM**

għad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni  
(ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1)

(pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb tal-adozzjoni għad-Direttiva  
P7\_TA-PROV(2014)0024  
(COM(2011)0897 – C7-0004/2012 – 2011/0437(COD))

Skont l-Artikolu 216 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, id-Direttiva ikkwotata hawn fuq għandha tiġi kkoreġuta kif ġej:

1. Fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 31(5), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) fejn l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jew jista' jiġi eskluż skont il-paragrafi 38(4) sa (9) jew ma jissodisfax il-kriterji ta' għażla stabbiliti mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti skont l-Artikolu 38(1);";

2. Fl-Artikolu 33(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-avviżi ta' konċessjoni, l-avviżi tal-għoti ta' konċessjoni u l-avviż imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 43(1) għandhom jinkludu l-informazzjoni li tinsab fl-Annessi V, VI, VII, VIII u XI u fil-format tal-formoli standard, inklużi formoli standard għall-korriġenda.";

3. Fl-Anness II:

(a) il-parti introduttorja tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-provvista minn entità kontraenti msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 7(1) ta' gass jew tisħin lil netwerks fissi m'għandhiex titqies li hija attività rilevanti skont it-tifsira tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fejn il-kondizzjonijiet kollha li għejjin ikunu sodisfatti:";

(b) il-parti introduttorja tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 hija sostitwita b'dan li għej:

"Il-provvista minn entità kontraenti msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 4 (1) tal-elettriku lin-netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku m'għandhiex titqies li hija attività rilevanti skont it-tifsira tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fejn il-kondizzjonijiet kollha li għejjin ikunu sodisfatti:".